32001R2493

20.12.2001 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 337/20

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2493/2001
tad-19 ta' Diċembru 2001
dwar l-eliminazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd li jkunu ġew irtirati mis-suq

IL-KUMMISJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti tas-sajd u akwakultura [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 17(5) u l-Artikolu 21(8) migjubin fih,

Billi:

(1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 104/2000, prodotti tas-sajd irtirati mis-suq mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jigu eliminati b'mod li ma jfixkilx it-tqegħid fis-suq normali tal-prodotti l-oħra. Jista' jingħata kumpens finanzjarju sakemm il-ħtieġa li l-prodotti jigu eliminati tigi soddisfatta.

(2) Il-miżuri dwar l-istabbilizzazzjoni tas-suq jistgħu jkunu effettivi kollha kemm huma biss jekk il-prodotti rtirati ma jiddaħħlux lura fis-sistema ta' distribuzzjoni normali tat-tqassim ta' dawk il-prodotti. Kull użu li jista', permezz ta' sostituzzjoni, jinfluwenza l-konsum ta' prodotti li ma kienux is-suġġett ta' miżuri ta' stabbilizzazzjoni tas-suq għandu għalhekk jiġi eskluż.

(3) Huwa għalhekk meħtieġ li jigu provduti għażliet għall-eliminazzjoni tal-prodotti rtirati mis-suq li jilħqu r-rekwiżiti u sabiex jigu specifikati l-kondizzjonijiet li bihom dawk l-għażliet ikun jistgħu jintużaw.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1501/83 tad-9 ta' Ġunju 1983 dwar l-eliminazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd li kienu s-suġġett ta' miżuri għall-istabbilizzazzjoni tas-suq [2] għandu għalhekk jiġi abrogat u mibdul.

(5) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni tal-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prodotti tas-sajd irtirati mis-suq mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 u mhux maħsuba li jkunu eliġġibbli għall-għajnuna li tingieb 'l quddiem li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament għandhom jigu eliminati f'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri, imqassma bla ħlas fl-istat naturali għall-konsum tagħhom lill-istituzzjonijiet filantropiċi jew tal-karità stabbiliti fil-Komunità jew lill-peresuni rikonoxxuti mill-leġislazzjoni nazzjonali ta' l-Istat Membru konċernat bħala li għandhom id-dritt għall-għajnuna pubblika;

(b) użati friski jew preżervati għall-għalf ta' l-annimali;

(ċ) użati, wara li jiġu pproċessati fi dqiq għall-għalf ta' l-annimali;

(d) użati bħala lixka;

(e) użati għal għanijiet mhux għall-ikel.

2. Għażliet għall-eliminazzjoni minbarra minn dawk li għalihom jipprovdi l-paragrafu 1 jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni fuq bażi ad hoc fur talba ta' Stat Membru.

Artikolu 2

1. L-eliminazzjoni tal-prodotti għall-għanijiet indikati fl-Artikolu 1(1)(b), (c), (d) jew (e) għandha tkun bla ħsara għall-kondizzjoni li prodotti ikunu:

(a) proċessati li ma jkunux tajbin għall-konsum uman minnufih wara l-irtirar tagħhom mis-suq;

(b) offruti għall-bejgħ li jkun miftuħ għal kull operatur interessat skond il-prattika konsweta reġjonali jew lokali. Ix-xerrejja għandhom jispeċifikaw l-użu li jintrabtu li jagħmlu mill-prodotti hekk mixtrija.

2. Għandha tinħareġ minnufih fattura jew riċevuta wara l-bejgħ li ssir referenza għalih fil-paragrafu 1, li turi l-identità tal-bejjiegħ u tax-xerrej, l-użu li ser isir minnhom, il-prezz tal-bejgħ u l-kwantitajiet konċernati. Kopja ta' dik il-fattura jew riċevuta għandha tintbagħat mill-organizzazzjoni tal-produtturi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-anqas darba kull tlett xhur.

3. Meta l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jkunu ssodisfaw lill-Istat Membru konċernat li l-prodotti ma jkunux sabu xerrej mill-offerta għall-bejgħ kif provdut fil-paragrafu 1, il-prodotti għanhom jitpoggew fi stat li ma jkunux jistgħu jintużaw mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi taħt il-kontroll ta' l-Istat Membru. Il-kwantitajiet in kwsitjoni għandhom jiġu notifikati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fl-intervalli mniżżla fit-tieni sentenza tal-paragrafu 2.

[1] ĠU L 17, tal-21.1.2000, p. 22.
[2] ĠU L 152, ta' l-10.6.1983, p. 22.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha addattati biex jipprevjenu u jressqu quddiem il-Qorti kull ksur frawdolenti tas-sistema stabbilita f'dan ir-Regolament. Dawn għandhom jiżguraw li l-prodotti li jigu eliminati ma jintużaw għal xi użu ieħor ħlief dak speċifikat. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament bil-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KEE) Nru 1501/83 huwa imħassar permezz ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament gandħu jidħol fis-seħħ fl-1 tà Jannar 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni